# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2018**

**Numru 7**

**Rikors numru: 82/2017 MCH**

**Emanuel Portelli f'ismu u f'isem hutu msifrin Carmel Portelli, Paul Portelli, Josephine mart Mikelangelo Cauchi, Francis Portelli, Benny Muscat, Dominic Muscat u Joseph Muscat**

**v.**

**Estelle Azzopardi, l-Avukat Generali**

Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli maghmulin separatament mill-intimat l-Avukat Generali u minn uhud mill-atturi li huma Emanuel Portelli, Carmel Portelli, Paul Portelli, Josephine mart Mikelangelo Cauchi u Francis Portelli [ir-rikorrenti appellanti] mis-sentenza moghtija fit-12 ta' Frar, 2018, [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-

Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti wiegbet ghall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex – Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali) fit-13 ta' Ottubru, 2017, billi sabet li s-subartikolu 12(4) u (5) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta jiksru d-dritt fondamentali tal-konvenuta Estelle Azzopardi [l-intimata appellata] kif protetti mill-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni].

Mertu

2. Illi l-intimat l-Avukat Generali pprezenta r-risposta tieghu quddiem l-ewwel Qorti fejn eccepixxa:

"(1) Illi in linea preliminari, l-esponent jeccepixxi li c-cirkostanzi tal-kaz ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fudnamentali tal-bniedem ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol, kif ukoll tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

(2.1) Illi subordinatament u minghajr pregudizzj ghas-suespost, fl-ewwel lok, fil-mertu trid tingieb prova tal-fatti kif allegati mill-partijiet fil-kawza fejn qed tintalab ir-Referenza, inkluz tal-proprjeta`, u l-istess ghandhom jispjegaw ir-ragunijiet li ghalihom qed isostnu li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom;

(2.2) Illi fit-tieni lok, fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ghandu jinghad li meta l-iskop pubbliku jkun wiehed socjali, il-valur tal-fond ma jistax jitkejjel mal-valur li l-fond igib fis-suq, diment illi l-kumpens moghti ghall-kontroll tal-uzu tal-proprjeta` ikun fil-kuntest ta' ligi li jkollha ghan socjali ta' nteress generali

(*'pursues a purpose of geneal interest which was not manifestly without foundation'*[1]*)*.

(2.3) Illi fit-tielet lok, huwa fatt maghruq li l-ghan wara d-disposizzjonijiet legali rilevanti tal-Kap 158 hu li kemm jista' jkun kulhadd ikollu fejn joqghod u li l-uzu tal-proprjeta` anke privata jghin biex dan isehh. Illi certament dan jikkwalifika bhala interess geneali ghall-fini ta' dawn l-artikoli;

(3) Salv eccezzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz."

3. Ir-rikorrenti appellanti flimkien ma' Benny Muscat, Dominic Muscat u Joseph Muscat, ipprezentaw risposta quddiem l-ewwel Qorti fejn talbuha tirrispondi ghar-referenza kostituzzjonali fis-sens li ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, eccepew:

"1. Illi fl-ewwel lok, trid tingieb prova tal-fatti kif allegati mill-konvenuti fil-kawza fejn qed tintalab ir-Referenza, inkluz tal-proprjeta`, u l-istess ghandhom jispjegaw ir-ragunijiet li ghalihom qed isostnu li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom;

2. Illi fit-tieni lok, l-esponenti jeccepixxu li c-cirkostanzi tal-kaz ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol kif ukoll tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. Illi fir-rigward ta' dan l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol ghandu jinghad li meta l-iskop pubbliku jkun wiehed socjali, il-valur tal-fond ma jistax jitkejjel mal-valur li l-fond igib fis-suq, diment illi l-kumpens moghti ghall-kontroll tal-uzu tal-proprjeta` ikun fil-kuntest ta' ligi li jkollha ghan socjali ta' interess generali;

4. Illi jigi rilevat ukoll illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol ma jistabilixxix espressament id-dritt ghal kumpens, izda hemm accenn indirettament ghalih fil-provizo relativ li jiddisponi:

> "... Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet

[1] Mellacher and Others u Austria, 1989

> provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.”

5. Il-kundizzjonijiet provduti bil-ligi fil-kaz odjern huma dawk stabiliti bil-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta’ Malta kif soggetti ghal dawk it-tip ta’ emendi li talvolta jistghu jsiru minn Kummissjoni inwaqqfa apposta biex tirrevedi l-ligijiet tal-kera.

6. Illi fil-fat il-proviso tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol, wara li jenuncja d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tal-individwu jistabilixxi:

> “Izda d-disposizzjonijiet ta’ qabel ma ghandhom b’ebda mod inaqqsu d-dritt ta’ stat li jinforza dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta’ proprjeta` skond l-interess generali ....”

7. Illi f’dan il-proviso kull stat ghandu latitudni enormi fil-konsiderazzjoni ta’ x’inhu “xieraq” jew x’inhu l-interes generali ta’ dik is-socjeta` partikolari, u, f’kaz ta’ dubju, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ghandha dejjem issir favur dak l-Istat. Dan japplika ghal Malta wkoll. Wiehed irid japprezza u jzomm quddiem ghajnejh il-fatt illi l-Kapitolu 158 u l-Att dwar id-Djar tal-1949 kellhom u ghad ghandhom l-ghan li jipprovdu fl-interess pubbliku, akkomodazzjoni xierqa u adegwata lis-socjeta`, u l-fatt illi erbghin sena wara, dawk l-Atti ghandhom jissussistu fihom infushom hija prova (jekk kemm-il darba hemm bzonn ta’ prova) li l-interess pubbliku prevalentement ghadu hemm in vista tan-numru kbir ta’ nies (li kull ma jmorru qed ikompli jikber) li huma nieqsa minn akkomodazzjoni xierqa u adegwata.

8. Inoltre, illi skont decizjoni tal-Qorti Ewropeja in materia, ammont ta’ kumpens, zghir kemm hu zghir, ghall-privazzjoni permanenti tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti ta’ l-individwu, purche` dak l-ammont ikun stabilit b’ligi u “pursuing a purpose of general interest which was not manifestly without foundation”, huwa gustifikat u legalment accettat bl-istess proviso tal-artikolu in kwistjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja (MELLACHER and others vs Austria, 19/12/1989).

9. illi jigi rileatli skont l-artikolu 37(4) tal-Kostituzzjoni, wara li hemm enuncjat id-dritt ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta’ proprjeta` bla kumpens, jinghad li ebda haga f’dak l-artikolu ma ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew hdim ta’ xi ligi ghat-tehid ta’ pussess obbligatorju fl-interess pubbliku u ta’ xi interess fi jew dritt fuq proprjeta`.

10. Illi huwa fatt maghruf li l-ghan wara d-disposizzjonijiet legali rilevanti tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta’ Malta hu li kemm jista’ jkun kulhadd ikollu fejn joqghod u li l-uzu tal-proprjeta` anek

privata jghin biex dan isehh. Illi certament dan jikkwalifika bhala interess generali ghall-fini ta' dawn l-artikoli;

11. Salv Eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;"

## Is-Sentenza Appellata

4. Fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 2018, l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Provi**

"Il-provi li l-partijiet ghamlu referenza ghalihom fil-verbal tad-29 ta' Novembru 2017 kienu s-segwenti:

"Il-konvenuta Estella Azzopardi ghal dak li hu relevanti ghal dan ir-rikors kostituzzjonali xehdet li l-art in kwistjoni wirtitha minghand il-genituri taghha imbaghad saret id-divizjoni ghan in-Nutar J. Saydon fl-14 ta' Novembru 1979. Hi messha l-parti G imsemmija fil-kuntratt. Ic-cens kien ghal mitt sena u ghalaq fil-1996. John Buttigieg kien ihallas Lm 3.50 u tigiega fis-sena ghal-porzjon taghha li hu kien qed jahdem. Fil-post hija kienet tara lil Portelli u lil Said. Meta kien se jaghaq ic-cens hija kienet staqsithom x'ser jaghmlu u huma ma rrispondewha xejn. Fir-razzett kien hemm Said imbaghad dahal Portelli dan l-ahhar sentejn. Parti hija okkupata minn Said u parti minn Portelli.

"Emanuel Portelli a fol. 185 xehed li joqghod f'parti mill-post 61, Triq ir-Ramla, Nadur. L-ahwa Said joghodu fl-istess post ukoll. Il-post jikkonsisti f'razzett u raba. Originarjament in-nannu maternu tieghu, Frencu Said kien ha din l-art b'titolu ta' cens temporanju imbaghad bena fuqha razzett li llum huwa abitat in parti minnu u in parti mill-ahwa Said. Wara li miet Frencu, il-werrieta tieghu kienu krew parti mir-razzett lil missier Said filwaqt li l-parti rimanenti baqghet f'idejn il-werrieta ta' Frencu. Missier Said kien ihallas madwar Lm4.50. Din is-somma kienet naqset ghal LM 3.60 billi kienu hadulu kamra. L-ahwa Said m'ghandhom imkien iehor fejn joqghod hlief f'dan ir-razzett. Huma qatt ma telqghu minn dana l-fond.

"Michelina Said xehdet a fol. 184 li twieldet f'dan il-post. Ir-raba qatt ma kien f'idejn il-familja taghha. Ir-razzett mhux okkupat minnha kollu imma jghix Emanuel Portelli ukoll u hu wiehed mill-werrieta ta' Frencu Said. Hu jahdem ir-raba ta' madwar ir-razzett. Portelli ilu jghix hemm mis-snin disghin.

"B'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-4 ta' Frar 2015 [a fol. 272] gie nominat l-perit Gordon Vella biex jaghmel valutazzjoni tal-fond in kwistjoni. B'degriet sussegwenti tas-7 ta' Marzu 2016 (a fol. 288) il-Qorti ordnat li l-perit nominat jiehu in konsiderazzjoni [i] il-fond kif deskritt fic-citazzjoni [ii] bhala proprjeta wahda u [iii] bhala liberu u frank.

"Il-Perit Gordon Vella pprezenta r-rapport tieghu a fol. 295. Hu jghid li l-partijiet okkupati minn Said u deskritti fic-citazzjoni huma dawk immarkati bil-kulur ahdar fil-pjanti annessi Dok. GV1 u GV2. Dan ir-razzett hu lokalizzat fil-limiti tan-Nadur f'zona ODZ. Din hi zona meqjusa ta' valur gholi peress illi tgawdi minn ambjent rurali u miftuh u fl-istess hin ghandha access relattivament komdu u konvenjenti mit-triq. Hemm enforcement order fuqu minhabba store li mhux mibni skond il-pjanti approvati. Inoltre il-post ghandu limitazzjoni konsiderevoli fuq il-valur tal-proprjeta fl-istat prezenti bhala maqsum ghaliex l-indipendenza u s-sens ta' privatezza u esklussivita huma drastikament imnaqqsa. Barra minn hekk din il-proprjeta ma ghandiex raba annessa maghha u tinsab in-naha ta' gewwa jigifieri ma ghandiex access u faccata diretta fuq it-triq principali. Tenut kont ta' dawn il-fatturi l-perit stma l-valur bhala libera u franka fl-ammont ta' €140.000. Jekk jikkunsidra l-proprjeta bhala wahda shiha (kif ordnat mill-Qorti) dan inehhi l-fatturi imsemmija u l-proprjeta tkun ikkunsidrata bhala fully detached u bhala residenza bl-livell ta' privatezza u esklussivita gholja. Il-proprjeta jkollha wkoll potenzjal li tigi zviluppata f'uzi ohra kummercjali bhal facilitajiet ta' agriturizmu, produzzjoni ta' zejt, inbid, ghasel. Tenut kont ta' dawn il-fatturi l-valur bhala proprjeta shiha u bhala libera u franka, jammonta ghal €950,000.

**"Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Ir-riferenza hija impostata fis-sens jekk fl-applikazzjoni tal-art. 12(4) u (5) tal-Kap. 158 ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum hemmx ksur tal-art. 37 u tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**Art. 37 tal-Kostituzzjoni**

Dan l-artikolu kostituzzjonali jiddisponi li:

> ... ebda proprjeta ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt

> fuq proprjeta ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub, b'mod obligatorju

F'dan il-kaz meta ghalaq ic-cens temporanju fin-1996 il-konvenuta kellha dritt li tikseb lura l-proprjeta taghha izda bis-sahha tal-ligi, setgha jittehdilha ghal dejjem l-utli dominju – sehem sostanzjali mill-jedd ta' proprjeta. Ghalhekk jista' jinghad li b'dak il-mod kien qed jittiehdilha interess jew dritt fuq il-proprjeta taghha. Dan  it-tehid ta' ius in re jintlaqat mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni. Ghalkemm taht l-art. 37 tal-Kostituzzjoni t-tehid ta' proprjeta jew ta' ius in re iehor jista' jsir bis-sahha ta' ligi, dan pero biss bi hlas ta' 'kumpens xieraq'.

Jekk il-kumpens ma jitqiesx bhala wiehed xieraq allura jkun hemm il-ksur tal-Art. 37 tal-Kostituzzjoni.

**Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja**

F'dak li jirrigwarda l-ksur allegat taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni l-kwestjoni hija daqsxejn differenti billi din thares it-tgawdija hielsa mill-persuna dwar hwejjigha u mhux biss il-harsien mit-tehid ta' pussess kif mahsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-applikabilita ta` dan l-artikolu tal-Konvenzjoni ghalhekk huwa usa minn dak taht il-Kostituzzjoni.

Dan l-artikolu jipprovdi li:

> Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.
>
> Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.

Ghalkemm f'dan l-artikolu ma jissemmiex hlas ta' kumpens, imma l-kumpens huwa kriterju essenzjali tal-istess artikolu partikolarment fejn tidhol il-proporzjonalita li trid tinzamm.

Ma huwiex kontestat illi l-istat ghandu s-setgha li jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta fl-interess pubbliku, u ma huwiex kontestat ukoll illi d-disposizzjonijiet tal-Kap. 158, safejn huma mahsuba illi n-nies ikollhom dar fejn joqoghdu, huma fl-interess pubbliku.

Izda l-istat irid jissodisfa lill-organu gudizzjarju li fil-kaz konkret ikun inzamm dak l-element ta' bilanc jew proporzjonalita bejn l-

ghan li jkun irid jintlahaq fl-interess pubbliku min-naha u l-protezzjoni tad-dritt fondamentali tal-individwu min-naha l-ohra.

Ghalhekk meta jkun hemm tehid ta' proprjeta jew kontrol tal-istess ghandu jkun hemm proporzjonalita bejn il-kumpens li ghandu jinghata lis-sid u l-valur tal-proprjeta mehuda.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk f'dan il-kaz inzammx dan l-element ta' proporzjonalita.

Hu accettat gurisprudenzjalment illi l-kumpens mhux bilfors ikun daqs kemm jaghti s-suq hieles[2]. Izda l-htiega tal-proporzjonalita ma tkunx tharset meta jithallas kumpens mizeru ghall-proprjeta li tkun tiswa mijiet ta' eluf ta' euro.

In kwantu ghall-provi, l-qorti ghandha prova ta' b'kemm jista' jawmenta c-cens, tas-somma kapitali mehtiega sabiex jinfeda c-cens wara li jkun sar perpetwu, u ghandha l-prova ta' kemm jiswa l-fond. Ghalhekk b'dan il-mod il-qorti tista` taghmel analizi tal-element tal-proporzjonalita a fini tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u anke tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni.

Irid jigi pruvat il-kumpens li qed tipprovdi il-ligi kontestata f'kazijiet fejn ic-cens temporanju jigi konvertit f'cens perpetwu. L-atturi kellhom fond li fih joqoghdu b'titolu ta' enfitewsi ta' disgha u disghin sena b'sehh mill-15 ta' Awwissu 1896, b'cens ta' lira ta' Malta u hamsa u sebghin centezmu (Lm1.75) – illum daqs erba' euro u tmien centezmi (€4.08) – fis-sena. F'dawk ic-cirkostanzi l-atturi kellhom il-jedd, taht l-art. 12(4) tal-Kap. 158, illi jikkonvertu l-enfitewsi f'wahda perpetwa b'cens ta' sitt darbiet daqs dak originali, cioe ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) jew erbgha u ghoxrin euro u sitta u erbghin centezmu (€24.46) fis-sena, rivedibbli kull hmistax-il sena fis-sens li jizdied bi proporzjon maz-zjieda fil-gholi tal-hajja sakemm ma jaqbizx id-doppju ta' li kien qabel. Inoltre fi zmien sena minn kull revizjoni l-utilista jkollu l-jedd illi jifdi c-cens – cioe illi jikseb ukoll id-dirett dominju u ghalhekk il-proprjeta shiha tal-fond – billi jikkapitalizzah bir-rata applikabbli. Il-kapitalizzazzjoni issir "bil-medja tar-rata tal-imghax li tithallas minn bank kummercjali fuq depoziti li jkunu ta' xorta fissa fi zmien il-fidwa" (ara art. 1501(2) tal-Kodici Civili, skond il-proviso ta' dak is-subartikolu ladarba l-canone huwa rivedibbli). Dik ir-rata hija qrib it-tnejn fil-mija (2%) u ghalhekk il-valur kapitali li bih jista jinfeda c-cens jigi €1,223.00. Dan huwa l-valur tal-kumpens li jista' jinghata lis-sidien talli tittehdilhom il-proprjeta.

[2] The Court has held that the person deprived of his property must in principle obtain compensation 'reasonably related to its value', even though 'legitimate objectives of 'public interest' may call for less than reimbursement of the full market value' (**Pincova and Pinc vs The Czech Republic,** Qorti ta' Strasbourg 5/11/2002, paras 52-53)

Il-konvenuta ssostni li l-kumpens u lanqas ic-cens meta mqabbel ma' kemm tiswa l-proprjeta b'ebda mod ma jista' jitqies xieraq jew proporzjonat mentri l-atturi wiegbu li t-tehid sar b'harsien tal-ligi u t-talba taghhom qed issir skond il-ligi.

Ir-referenza maghmula mill-Qorti tal-Magistrati, wara li rat ir-rapport tal-perit tekniku ivvalutat l-proprjeta in kwistjoni bil-prezz ta' €950,000 u dana sabiex jigi dikjarat minn dina l-Qorti jekk, fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum, l-art. 12(4), (5) tal-Kap. 158 jiksirx id-dritt fondamentali tal-atturi, kif protetti bl-artikolu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Din il-Qorti hija marbuta b'dik ir-referenza bil-valur li gia gie determinat u din il-Qorti trid twiegeb ghal dak il-kwezit u tieqaf hemm u mhux tiddermina xi valur iehor hija.

Il-proprjeta jekk tigi ikkunsidrata kif ordnat il-Qorti bhala wahda shiha, libera u franka, hi proprjeta fully detached u residenza bl-livell ta' privatezza u esklussivita gholja. Il-proprjeta jista' jkollha wkoll potenzjal li tigi zviluppata f'uzi ohra kummercjali bhal facilitajiet ta' agriturizmu, produzzjoni ta' zejt, inbid, ghasel.

Illi fil-fehma tal-Qorti kumpens ta' €1,223.00 ghal proprjeta li tiswa €950,000 jew cens ta' €24.46 fis-sena bl-ebda mod ma jista jinghad illi dak l-kumpens huwa wiehed xieraq jew proporzjonat.

Illi ghalhekk, l-applikazzjoni tal-art. 12 (4), (5) tal-Kap. 158 fil-kaz tallum tkun bi ksur tal-jedd tal-konvenuta mhares taht l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u l-art 37 tal-Kostituzzjoni.

**Rimedju**

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Ch. Massa et vs Id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et**, deciza fit-30 ta' April 2012:

> Ghandu jigi rilevat li bhala regola meta ssir riferenza ta' kwistjoni kostituzzjonali kif previst fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni l-funzjoni tal-Qorti li lilha ssir ir-riferenza hija arginata bit-termini tar-riferenza u ghalhekk dik il-Qorti ghandha tillimita ruhha filli twiegeb ghall-kweziti riferuti lilha.

(Ara wkoll **The Police vs Nelson Arias**, Kost 28/09/2012; **Glenn Beddingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et**, Kost 31/07/2000 Vol.XXXIV.i.232; **Nazzareno Galea vs Giuseppe Briffa et**, Kost 30/11/2001 Vol.XXXV.i.540; **Pulizija vs Frank Cachia**, (PA Kost 16/02/2011, para 55; **Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et**, Kost 19/04/ 2012).

> Il-Qorti ghalhekk ghandha twiegeb ghal dak il-kwezit u tieqaf hemm. Biex il-qorti ma tkunx iddecidiet ultra jew extra petita, is-sentenza ghandha tkun arginata b'dan il-meritu biss. Imiss imbaghad lill-qorti riferenti li tghid xi jkun l-effett tad-decizjoni fuq ir-referenza u x'ghandu jkun ir-rimedju. Jekk din il-qorti tippronunzja ruhha dwar il-mertu f'dan l-istadju effettivament tkun qed tiddeciedi wkoll fuq it-talbiet tal-atturi (**Vincent Zerafa et vs Emanuel Cilia et** Kost 25/10/2013)."

L-Appelli

5. L-intimat l-Avukat Generali ipprezenta l-appell tieghu fl-20 ta' Frar, 2018, fejn qed jitlob it-thassir u r-revoka tas-sentenza appellata, u fisser li l-aggravji tieghu jikkonsistu fis-segwenti:

(i) in kwantu r-rikorrenti appellanti huma cittadini ta' Malta u jokkupaw il-fond in kwistjoni bhala r-residenza ordinarja taghhom, huma jissodisfaw ir-rekwiziti tal-Artikolu 2 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-ewwel Qorti ma kellhiex issib li l-applikazzjoni tas-subartikoli 12(4), (5) u (6) tal-istess ligi tikser id-drittijiet fondamentali tal-intimata appellata;

(ii) l-ewwel Qorti ma tatx konsiderazzjoni bizzejjed ghall-fatt li dawk is-subartikoli tal-ligi ghandhom ghan socjali u gew ippromulgati fl-interess pubbliku u ta' natura socjali u ghalhekk il-valur tal-proprjeta` f'kuntest ta' akkomodazzjoni socjali ma jistax jitkejjel mal-valur li dik il-proprjeta` tista'

ggib fuq is-suq altrimenti tinholoq krizi fejn hafna familji jkollhom piz li ma jifilhux ghalih;

(iii) kemm l-Artikli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati ma kienux jikkoncedu dritt ta' profitt u l-kumpens ghall-kontroll jista' jkun ferm inqas mill-valur shih tas-suq; u

(iv) id-disposizzjonijiet tal-ligi li allegatament jiksru l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll kienu saru bil-ghan li jigi garantit li cittadini Maltin ikollhom saqaf fuq rashom;

6. Ir-rikorrenti appellanti pprezentaw ir-rikors tal-appell taghhom fit-22 ta' Frar, 2018, fejn ukoll qeghdin jitolbu it-thassir u r-revoka tas-sentenza appellata, u jispjegaw l-erba' aggravji taghhom kif gej:

(i) kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti li t-tehid ta' interess jew dritt jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, kemm il-Qrati Maltin u kif ukoll dawk Ewropej kienu sabu li m'hemmx ksur fil-kaz ta' kontroll ta' uzu ta' proprjeta` fl-interess generali;

(ii) ghal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti dwar jekk il-kumpens tas-sid kienx wiehed proporzjonat jew le, sakemm il-kumpens ikun moghti bl-ghan ta' l-interess generali, is-subartikoli fuq citati ma jiksrux id-dritt fondamentali tas-sid;

(iii) id-decizjoni appellata tohnoq l-aspettattiva legali taghhom;

(iv) huma qeghdin jikkontestaw l-istima tal-perit tekniku nkarigat mill-Qorti ta' Ghawdex, liema stima l-ewwel Qorti hassitha marbuta li taccetta.

Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

7. Il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra z-zewg appelli flimkien minhabba sottomissjonijiet simili maghmula mill-appellanti.

8. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jinsabu citati fis-sentenza appellata aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

*Dritt fuq proprjeta` – ius in re.*

9. L-ewwel aggravju tar-rikorrenti appellanti jittratta l-punt jekk *ius in re* jintlaqatx mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif deciz mill-ewwel Qorti. Huma jikkontendu li skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna u wkoll dawk tal-Ewropa, m'hemmx ksur fejn ikun hemm semplicement kontroll ta' uzu tal-proprjeta` - bhal fil-kaz odjern – u mhux tehid forzuz jew *de facto.*

10. Din il-Qorti diga` esprimiet ruhha fir-rigward fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Mary Anne Busuttil v. Tabib John Cassar u Mary Yvonne Cassar**[3] fejn ikkunsidrat li l-utli dominju:

> "21… mhux biss huwa dritt fuq proprjeta` – ius in re – izda wkoll dritt sostanzjali, perpetwu u wiesa' b'mod li d-dritt residwali tas-sid, meta mqabbel mal-utli dominju, huwa minimu.
>
> 22. Aktar milli konverzjoni ta' enfitewsi temporanja f'wahda perpetwa hemm il-holqien ta' enfitewsi gdida, din id-darba ghal dejjem u bis-sahha ta' hekk lis-sid jittehidlu ghal dejjem l-utli dominju. Difficli tifhem kif tista' qatt tghid li dan ma huwiex tehid ta' dritt fuq proprjeta".

11. Diga` il-posizzjoni tal-Qorti kienet cara fis-sentenza fl-ismijiet **John Bugeja v. Rev. Alfred Calleja noe**[4] fejn b'riferenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Josephine Bugeja et vs l-Avukat**

---

[3] App. Civ. Nru. 33/2007, deciz 31 ta' Ottubru, 2014.

[4] Deciz 11 ta' Novembru, 2011. Ara wkoll **Michael Angelo Briffa et vs. Nadia Merten,** App. Civ. Nru.
316/2009 deciz 24 ta' April, 2015.

**Generali**[5] citata mir-rikorrenti appellanti stess, qalet *"Illum, izda, din il-qorti hija tal-fehma illi ma hux ghal kollox korrett illi tghid illi kaz ta' konverzjoni ta' cens temporanju f'wiehed perpetwu ma jintlaqatx bl-art. 37 tal-Kostituzzjoni, li jhares ukoll kontra t-tehid ta' kull 'interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun'."* Ghalhekk l-ewwel Qorti sewwa kkunsidrat li t-tehid ta' *ius in re* jintlaqat mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u b'hekk l-ewwel aggravju tar-rikorrenti appellanti mhux gustifikat u ghalhekk qed jigi michud.

*Proporzjonalita` tal-kumpens tas-sid.*

12. Ir-rikorrenti appellanti jissottomettu li kemm f'decizjonijiet tal-Qrati taghna u kemm f'dawk Ewropej, kien gie stabbilit fid-dawl tad-dritt fundamentali protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, li fejn kellu jitqies l-interess generali allura kwalunkwe kumpens kien sufficjenti. Din il-Qorti tirribadixxi li, ghall-kuntrarju din mhiex il-posizzjoni tal-Qrati taghna jew tal-Qorti Ewropeja. Hu assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-qrati li l-principju tal-proporzjonalita` hu l-mizien li bih ghandu jitqies il-piz li jgorr is-sid fil-konfront tal-interess generali. Sabiex ma jkun

[5] Deciz 7 ta' Dicembru, 2009.

hemm l-ebda ksur tal-artikoli precitati, ghandu jkun hemm bilanc gust bejn dawn it-tnejn

13. Minghajr dubju, l-Istat ghandu s-setgha li jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta` ghall-interess pubbliku, u dan gharfitu wkoll l-ewwel Qorti. Izda sabiex l-indhil tal-Istat ma jkunx leziv tad-drittijiet fondamentali tal-individwu, hemm bzonn li l-indhil ikun mhux biss legali, kif fil-fatt hu fic-cirkostanzi tal-kaz, izda ukoll maghmul fl-interess generali u b'mod li jilhaq bilanc mal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-individwu[6]. Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma dak osservat mill-ewwel Qorti.

14. Punt iehor li osservat l-ewwel Qorti fir-rigward tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni hu li *"Jekk il-kumpens ma jitqiesx bhala wiehed xieraq allura jkun hemm il-ksur tal-Art. 37 tal-Kostituzzjoni"* u fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll qalet li "*…l-kumpens huwa kriterju essenzjali tal-istess artikolu partikolarment fejn tidhol il-proporzjonalita` li trid tinzamm".* Il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb. L-ammont tal-kumpens li jircievi s-sid skont id-disposizzjonijiet tal-ligi jista' jkun ta' siwi meta hi tqies jekk l-indhil

[6] Ara **Bradshaw and Others v. Malta,** App. Nru. 37121/15, deciz 23 ta' Ottubru, 2018.

tal-Istat iharrix il-bilanc gust necessarju jew inkella li jimponix bilanc disproporzjonat kontra l-applikant[7].

15. Sewwa jghid l-intimat l-Avukat Generali li "*…l-ammont sabiex issir il-konverzjoni mhux necessarjament jirrifletti l-valur reali tas-suq tal-proprjeta`…".* Kif tghid din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Concetta sive Connie Cini vs. Eleonora Galea et[8],** fejn il-fattispecie kienu simili hafna ghal dawk tal-kaz odjern, *"…[il-] principju, illum assodat kemm fil-gurisprudenzapatrija kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja, li f'kaz ta' legislazzjoni li ghandha ghan socjali l-kumpens offrut jista' ma jkunx jekwivali ghall-valur tal-fond fis-suq.".* Hemm gie citat il-kaz deciz mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Amato Gauci v. Malta[9]** in sostenn ta' dan l-argument:

> "…[the Court] reiterating that legitimate objectives in the 'public interest', such as those pursued in measures of economic reform or measures designed to achieve greater social justice, may call for less than reimbursement of the full market value …".

16. Izda l-intimat l-Avukat Generali qed iqies li, galadarba m'hemmx dubju li l-ligi li allegatament hi leziva tad-drittijiet fondamentali tal-intimata appellata saret fl-interess pubbliku ghall-provvista ta' akkomodazzjoni socjali, ghalhekk taqa' fil-parametri tal-Artikolu 37

---

[7] ECHR 31443/96, para. 176, **Bronoiswki v. Poland,** deciza 22 ta' Gunju, 2004.
[8] App. Civ. Nru. 23/2011, deciz 31 ta' Jannar, 2014.
[9] Appl. 47045/06, deciz 15 ta' Dicembru, 2009.

tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol. B'hekk ukoll il-valur tal-proprjeta` ma setghetx titkejjel mal-valur li din setghet iggib fuq is-suq. Pero` din il-Qorti tosserva li wiehed ma jistax jieqaf hawn u jasal ghall-konkluzjoni li ghalhekk ic-cirkostanzi tal-kaz odjern jissodisfaw id-disposizzjonijiet ta' dawk l-artikoli.

17. L-argument tal-intimat l-Avukat Generali hu kollu kemm hu bazat fuq l-interess generali u jonqos li jiehu in konsiderazzjoni wkoll id-drittijiet tas-sid. Qed jikkontendi li l-ewwel Qorti ma tatx bizzejjed piz ghall-ghan socjali tas-subartikoli 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158. Izda din il-Qorti tissenjala li d-dritt tal-Istat mhux assolut u ghandu jitqies mhux biss li s-sid qed jigi imcahhad mill-godiment tal-proprjeta` tieghu izda wkoll aktar importanti l-estent tac-cahda tieghu minn dak il-godiment. Il-valur tal-konverzjoni tac-cens originali ma jistax ma jittiehidx in konsiderazzjoni sabiex wiehed jevalwa jekk hemmx effettivament lezjoni u f'kaz li hekk jirrizulta allura ghandha tigi ezaminata u determinata l-gravita` ta' dik il-lezjoni sabiex jigi stabbilit il-kumpens xieraq dovut. Hekk ukoll irriteniet il-Qorti Ewropea fil-kaz ricenti fl-ismijiet **Bradshaw and Others v. Malta**[10] meta qieset li mehud in konsiderazzjoni fost fatturi ohra li l-valuripprezentat mis-sidien kien pjuttost oghli, il-

[10] App. Nru. 37121/15, deciza 23 ta' Ottubru, 2018.

kera li dawn kienu jircievu ma setghetx titqies bhala wahda proporzjonalment accettabbli:

> "…Indeed, contrary to the Government's assertion, the Court sees no reason why the applicable rent should not be compared to "rents charged to commercial entities or to Maltese persons" which are the relevant comparators and therefore the rent applicable to them is precisely what constitutes a current market value. Thus, even accepting that the applicants' valuation is on the high side, the Court considers that, as found by the first-instance constitutional jurisdiction which examined the proportionality of the measure, the rent received by the applicants could not be considered in any way proportionate.".

18. L-intimat l-Avukat Generali jissottometti li kemm l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, ma jaghtu l-ebda dritt lis-sid li bilfors jircievi profit, ghax altrimenti jista' jirrizulta li ikun hemm familji li ma jifilhux ghall-pizijiet taghhom. Din il-Qorti taqbel parzjalment ma' dan l-argument u taghmel riferenza ghal dak li ntqal aktar 'il fuq li sabiex ikun hemm konformita` mal-kostituzzjoni u mal-konvenzjoni mhux necessarjament li s-sid jircievi kumpens skont il-valur tas-suq. Fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti qieset sew il-kumpens li kien jispetta lis-sid skont il-ligi, jigifieri cens fl-ammont ta' €24.46 pagabbli kull sena u rivedibbli kull hmistax-il sena proporzjonalment maz-zieda fl-gholi tal-hajja sakemm ma jinqabizx id-doppju tal-ammont li jithallas, u fil-kaz ta' fidi s-sid jircievi s-somma ta' €1,223.00. L-ewwel Qorti ddikjarat li mehud in konsiderazzjoni li l-proprjeta`

kellha valur ta' €950,000 skont l-istima tal-perit tekniku nkarigat mill-Qorti tal-Magistrati minn fejn saret ir-referenza odjerna, kumpens ta' €1,223.00 prezz ta' fidi jew €24.46 cens annwali, ma jista' qatt jitqies bhala wiehed xieraq jew proporzjonat. Il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma dan. Id-diskrepanza bejn il-valur attwali tal-fond u l-kumpens li hi ntitolata l-intimata appellata skont il-ligi hi tant kbira li wiehed ma jistax jitkellem fuq proporzjonalita', u certament dik id-diskrepanza qawwija tohloq zbilanc konsiderevoli bejn l-interessi tas-socjeta' u l-interessi tas-sid. Is-subartikolu 12(4) u (5) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta jitfghu tista' tghid l-obbligu kollu tal-Istat li jipprovdi ghal akkomodazzjoni socjali fuq ic-cittadin privat li ma jircievi l-ebda kumpens ghal proprjeta` b'valur ta' €950,000 ghajr is-somma ta' €1,223 jew cens annwali ta' €24.46. Mehud imbaghad in konsiderazzjoni l-kumpens insinjifikanti dovut lill-intimata appellata u wkoll li r-ripreza tal-pussess fiziku tal-fond hi wahda remota hafna, il-Qorti tikkunsidra manifest li l-intimata appellata qeghda ggorr piz sproporzjonat u eccessiv fil-konfront tal-interess generali u ghalhekk tirravvisa ksur tad-drittijiet tal-istess intimata kif protett bl-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati.

16. Ir-rikorrenti appellanti qed jilmentaw mill-fatt li dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tal-intimata appellata tista' twassal

ghal ordni ta' zgumbrament bir-rizultat li huma mhux ser ikollhom saqaf fuq rashom minhabba l-prezzijiet tal-proprjeta` u tal-kiri taghha dejjem qeghdin joghlew. Ghalhekk, il-pregudizzju li ser isofru huma hu ferm akbar minn dak li qed issofri l-intimata appellata. Ghal darb'ohra l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Concetta sive Connie Cini vs. Eleonora Galea et**[11] fejn spjegat li hi ma setghetx toqghod lura minn dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ksur tad-drittijiet fondamentali minhabba l-effetti socjali li din tista' ggib:

> "43. Din il-Qorti tosserva li l-promulgazzjoni ta' ligijiet intizi li jindirizzaw l-ezigenzi socjali hija kompetenza tal-Legislatur, filwaqt li l-qrati vestiti bil-kompetenza Kostituzzjonali ghandhom id-dmir li, meta jkunu hekk imsejha minn xi parti, jezaminaw dawk il-ligijiet fid-dawl ta' dak li tghid il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Ghalhekk il-kompitu tal-qrati huwa li jezaminaw il-ligi f'qafas Kostituzzjonali u Konvenzjonali, u fejn isibu lezjoni ta' dritt fondamentali ghandhom il-poter-dover li jiddikjaraw is-sejba ta' tali lezjoni, u jaghtu rimedju adegwat fil-kaz partikolari, izda zgur li m'ghandhomx is-setgha jew id-dmir li jevitaw milli jiddikjaraw sejba ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali unikament minhabba l-effetti socjali li tali dikjarazzjoni jista' jkollha.".

17. Id-dmir ta' din il-Qorti hu ghalhekk li tezamina l-ligijiet mil-lat tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u dawk tal-Konvenzjoni u li fl-eventwalita` li ssib ksur, allura li tiddikjara s-sejba ta' tali ksur u li

11 Ibid.

taghti rimedju. Id-dmir socjali li jigi assigurat akkomodazzjoni xierqa ma jaqax fuq il-Qorti izda fuq l-Istat. Ghalhekk l-argument tar-rikorrenti mhuwiex legalment sostenibbli. Ghalhekk anke dan l-aggravju mhux gustifikat.

18. Ir-rikorrenti appellanti jsostnu wkoll li d-decizjoni tal-ewwel Qorti honqot l-aspettattivi legali taghhom fi tmiem il-koncessjoni emfitewtika, naxxenti mill-Att XXIII tal-1979, izda din il-Qorti tosserva li certament ma kienux jezistu fiz-zmien li kien gie ffirmat l-att pubbliku tal-koncessjoni emfitewtika temporanja ghal 99 sena fil-21 ta' Novembru, 1897. L-l-awtur fid-dritt tal-intimata appellata li dahal volontarjament f'att kontrattwali ghal 99 sena bl-ebda mod ma seta' jipprevjedi li fil-1979 kienet ser tigi fis-sehh ligi li tbiddel l-aspettattivi legali tieghu u tas-successuri tieghu. Bl-ebda mod ma seta' jobsor li fl-ahhar tad- 99 sena l-proprjeta` ma kienetx ser tigi lura ghand is-successuri tieghu, u lanqas ma' seta' basar li kien ser ikun hemm zieda qawwija fil-prezz tal-proprjeta` fuq is-suq li irrendiet il-prezz tac-cens orginali annwu sproporzjonat ghall-valuri tallum.

19. Ghalhekk mhux biss l-aspettattivi legali u dawk finanzjarji tal-awturi tar-rikorrenti appellanti tbiddlu, <u>izda wkoll dawk tal-intimata</u>

appellata bid-differenza li dawk tal-ewwel kienu pozittivi u dawk tas-sid iddeterjoraw b'mod sinifikanti b' mod li wiehed jista' jghid li prattikament gew fix-xejn.

20. Dwar l-ahhar aggravju tar-rikorrenti appellanti din il-Qorti tosserva li dan ma jistax jintlaqa'. Sewwa qalet l-ewwel Qorti li hi ma setghetx tohrog barra milll-parametri tar-referenza tal-Qorti tal-Magistrati, inkluz il-valur tal-fond fuq is-suq hekk stabbilit mill-perit tekniku nkarigat ghal dan il-ghan minn dik il-Qorti tal-Magistrati. Fir-rigward, il-Qorti taghmel taghha r-riferenzi moghtija mill-ewwel Qorti u tikkonferma li mxiet skont l-insenjament ta' din il-Qorti.

21. Ghaldaqstant l-aggravji kemm tal-Avukat Generali kif ukoll tar-rikorrenti appellati mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.

Decide

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-intimat l-Avukat Generali u dak tar-rikorrenti appellanti billi tichadhom u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-intimat l-Avukat Generali u mir-rikorrenti appellanti f'zewg partijiet indaqs.

Il-Qorti tordna li l-atti jigu rimessi lill-Qorti referenti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr